**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law)**
**MAGISTRAT**

Illum: 6 ta' Novembru 2001.

670/01

Il-Pulizija;
(Spettur Joseph Agius)
vs
Jesmond Debono.

Il-Qorti:

Rat l-akkuza kontra l-imputat:
Jesmond Debono ta' 24 sena, bin Albert u Margaret née Abela, mwieled Tal-Pieta` fil-11 ta' Marzu 1077, residenti 25, Vjal Kottoner, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 0148877(M).

Akkuzak talli:
Matul il-lejl bejn it-30 ta' Settembru 200 u t-3 ta' Novembru 2001 rispettivament, gewwa z-Zejtun, Limiti ta' Bulebel, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, fuq vettura tal-marka 'Escort' bin-numru tar-registrazzjoni KAB-781 liema hsara tiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm1,000) ghad-dannu ta' Paul Bartolo mill-Fgura, bi ksur ta' l-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammessjoni tal-imputat;

Ikkunsidrat:

Wara li semghet lill-parti leza tiddikjara li rcieva cekk fl-ammont ta' sitt mitt lira sabiex jaghmel tajjeb ghal hsara sofferta ghal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni definittiva tal-hsara;

Wara li semghet lill-kwerelant jiddikjara li qed jahfer lill-imputat safejn jirrigwarda azzjoni kriminali;

Wara li rat l-Artikoli 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

In vista tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat;

Issibu hati u tiddeciedi li fic-cirkostanzi tilliberah bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Il-Qorti fissret lill-imputat r-responsabbilitajiet tieghu devivanti minn dina s-sentenza.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.